# BZULIJA

## Novella Psikoloġika ta' M. MIZZI

DIK il-ħabta Ninu kien biċ-ċiera ma' kullħadd u kollox kien idejqu. Id-dar kulljum bix-xenati, il-ħbieb jiskartawh, u xogħol ftit li xejn kien jagħmel. U dan kollu għax ħabb tifla li ma kenitx tħobbu.

Imma kien għadu żgħir, u kif kien igħid żijuh biż-żmien jiġi.

Wara l-mewt ta' missieru, Ninu kien ir-raġel tad-dar u ommu ma kenitx trid iġġerragħha dik li binha għad iħalliha u jmur ma' ħaddieħor. Meta kien ikun imfantas jew imwebbel b'xi ħaġa, ommu qalbha kienet tagħmel tikk għax tibża' li s-siegħa tal-firda waslet. Xi drabi Ninu kien ifettillu jirranġa d-dar u kien iqallbilha kollox ta' taħt fuq biex ipoġġi kollox sew u kif imiss. Xi drabi kien jipprova jsajjar biex jara jagħmilx xi ħaġa aħjar minn dak li kienet tlestilu ommu. U kien joħlom qatigħ fuq id-dar li għad igħix fiha mal-maħbuba.

Ommu erħilha tizzikkjah fuq bżulitu u tgħaqqixlu f'din u fl-oħra, imma qalbha kienet tkun muġugħa. Imbagħad f'daqqa waħda bħalkieku ftakret dak il-ħin kienet tgħidlu, "Isa, Nin, jaħasra, hemm dawk il-fniek qegħdin imutu għal nitfa lublieba, għax ma tmurx tlaqqat mimli id. Iġri, u dak ix-xogħol ħallih għalija u għal oħtok. Isa... u dawk l-imxietel qegħdin jinxfu għal qatra ilma, u hemm id-dwieli kif imtlew bil-ħurtan! Meta kien ħaj missierek qatt ma kienet tidher ħaxixa ħażina, il-għalqa kien iżommha bħal qasrija. Isa, għandek marqad ħmar, messek għamiltha xammiema." U erħilha tgorr, taqla' u tibki l-qadim, u tmaqdar il-ġdid. U Ninu, bejn għax id-djar kien iżjed jaf joħlomhom milli jindirizzahom, u bejn għax imxabba' mit-tgergir ta' ommu kien jitlaq jiġri 'l barra lejn il-għalqa.

* * *

Kien żmien il-ħsad u mad-dwar kienu jidhru l-bdiewa jaħsdu, jidirsu u jderru, kullħadd jagħnet u jistinka, kullħadd jaħdem daqs kelb. Mid-dlam sad-dlam, taħt ix-xemx tisreġ, fuq it-trab jikwi, għaraq u tbatija, xogħol bla nifs.

Ninu saqqa l-imxietel u qabad l-imgħażqa biex taparsi jagħti erba' daqqiet issa li x-xemx bdiet tmajna. Bejn daqqa u oħra jarfa' rasu, jaħseb u joħlom. Il-għalqa tal-ġirien kienet tħaddar

bis-saqwi, l-ulied jistinkaw u jsaqqu, il-missier iċekċek bl-imgħażqa.

U ħallih joħlom...

— Ta' min iħaffer l-ispejjer u jarma mitħna tar-riħ. Ilma għaddej minn taħt hemm bil-kotra, u fejn hemm l-ilma hemm kollox. —

Poġġa l-imgħażqa u ħares dwaru n-naħa l-oħra. Bidwi jaħsad, daqqa wara oħra, ħodon wara ieħor, għamra wara oħra, jiekol jiekol 'il ġewwa ġol-mewġ taż-żargħa u mad-daqqa ż-żbul imil u jitgezzez, żbul mimli, tiben oħxon, il-barka t'Alla... jiekol 'il ġewwa 'l ġewwa mingħajr hedu, mingħajr għeja, u ż-żbul imil.

— X'dirgħajn, x'qawwa! —

Ninu ta daqqtejn oħra, serraħ l-imgħażqa u reġa' rafa' rasu. Fil bogħod raġel jagħżaq, daqqa wara oħra, minn fil-għodu sa fil-għaxija, sena wara oħra. — X'dirgħajn- —

Imbagħad ħares lejn xogħlu. Erba' mixtliet bil-għatx u mikulin bid-dud, u l-għażiq tiegħu tħarbix u kollu mballat. — ix-xogħol ta' l-imgħażqa xogħol tal-għaraq u ta' l-istink, jum wara jum, ħaġa wara oħra, bla mistrieħ, bla waqfien, is-sena kollha. Is-saħta ta' Adam. Xi dwejjaq! —

* * *

U f'daqqa waħda minn għajjur għax-xogħol iħares lejn min hu aħjar minnu biex jagħmel bħalu, telgħulu l-buli u beda jara kollox bil-maqlub.

— Hemm dak fuq l-andar idawwar il-ħmar, ħmar bħalu, jaħdem kemm jaħdem għaks u tbatija jara, tgawdija qatt, l-iktar l-iktar xi ikla kbira mħanżra u xi flixkun inbid taż-żebgħa. U dawk in-nisa jlaqqtu ż-żbul (li ftit qabel kien jistħajjilhom Rut u sħabha) jitwieldu biex ibatu u jġibu 'l min ibati. — Xogħol bla hedu, għaraq u ntiena, is-saħta ta' Adam, għollieq u xewk... La mużika, la *imħabba* jew mħabba goffa, iff, jaqq. —

Ninu miskin kien għadu żgħir u kien beda jara kbir, imma kif qal zijuh, biż-żmien jiġi.

— Dawk il-bdiewa maħruqin, jintnu bil-għaraq, u dawk in-nisa smien u b'uċuh imfaqqgħa fl-imħabba x'jifhmu? —

Ninu kien jifhem, ħafna! — Dawk il-għajnejn li jinfduk ġo qalbek, ileħħu f'moħħu u jaħarbu, ma jistax jiftakar lewnhom... Xagħra ġagħdi... U dak wiċċha... Sabiħa! — U ħallih jiftakar jekk ħuġbejha humiex muxgħarin jew irqaq, imneħirha hux żgħir jew mislut, għajnejha humiex żgħar u fil-ħofra jew kbar. Ninu kien jifhem fl-imħabba!

Imma, ħej, iżjed kien jaf joħlom u jfantas milli jagħmel. Kien jagħti kelma soda li l-ewwel li jaraha jkellimha, u jaħseb kif għandu jibda u kif ikompli, u mbagħad x'ħin jaraha kienet tonqsu l-ħila u xħin kellu bżonnha kienet tonqsu l-kelma. Tgħid kienet tħobbu?

Habib kien qallu, "It-tfajliet bħad-dubbien, taqbad kemm trid. Hallik mill-imħabba, Nin, agħmel kif ingħidlek jien, u t-tfajliet minflok li tiġri warajhom int huma jfittxuk, tibża' xejn." Ċensu kien fuq tiegħu u Ninu kien iħossu xejn ħdejn Ċensu. Kemm kienu jagħmlu għalih it-tfajliet! Imma Ninu biex ma jmutx bil-għira u biex ma jgħidx li hu kien għal kollox bla ħila kien jarġa' — u jgħid li dik mhix imħabba ta' Ċensu. — Imħabba għandha tkun darba, l-ewwel u l-aħħar, it-tfajla magħżula sa minn dejjem... — Ninu kien jaf, Ninu kien jifhem fl-imħabba...

Ta erba' daqqiet oħra, u rafa' rasu, u waqaf mill-ħsieb. Ix-xogħol għadu sejjer. Fil-għalqa l-oħra ż-żbul imil u jitgezzez. Ix-xemx kienet nieżla, u l-bliebel għall-aħħar darba kienu jinstemgħu jsaffru mill-għoli. Fil-bogħod andar qed jidderra għaż-żiffa li nqalgħet, u iżjed 'l hinn iċ-ċempil tal-mogħoż qegħdin jinġabru.

*  *  *

Dik il-lejla l-ikel ma għoġbux, u ommu li kienet imxabbgħa mill-praspar tiegħu bagħtitu jsaqqi l-ħass u qaltlu jfittex aħjar band'oħra. Biex tagħqad, ra l-maħbuba ma' ħaddieħor. Ried l-art tibilgħu. Fittex 'il Ċensu, sabu għand Ġanni tal-ħanut, ħallaslu x'jixrob u dan qagħad igħidlu kif għandu jmur man-nisa u qallu minn kollox u qajmu xewk-xewk.

Ommu tistennieh, tishar u tistenna, hi u Gerit, iqattgħu ż-żmien jitħaddtu fuq Ninu.

— "Ma, dak Ninu ma nafx x'fatta hu, dejjem aljenat, għajnejh anqas taf ilfejn iħarsu, laħmu artab ċarruta, spallejh immejlin, sidru dejjaq, baqa' baqta wisq. L-ikel ma jtuqux, rasu mimlija bil-ħmerijiet. Issa tah għall-vjolin, mhux ħlief iżanqar l-istess daqqa. Aħjar Alla jtina s-sabar!

"Dak minn dejjem hekk kien. Meta kien żgħir, missierek, Alla jaħfirlu, kien jieħdu l-għalqa, ipoġġih fuq xkora u lanqas kien jiċċaqlaqlu. 'Marjann', kien igħidli, 'dak ma nafx x'tifel hu, iħares b'dawk il-par għajnejn, iħares iħares u lanqas jitħajjar jiċ-ċaqlaq'. U meta kien żgħir marad ħafna wkoll."

"Imma issa twebbel b'xi ħaġa. Hemm tfajla fin-nofs, 'kk ikolli ngħid. Mur ara x'jaf fuq in-nisa dak il-kaċiċlu!"

"Għadu bla ħiena."

U hekk għadda l-ħin tal-mistennija.

Gerit, ma għandniex xi ngħidu, ma kenitx tifhem fl-imħabba. Kellha wiċċ sabiħ u aħmar, sider mimli, ġenbejha mħażżmin bis-saħħa. Taf tbus, bħall-oħrajn għad ikollha min iġebbed fi djulha. (X'tifhem fl-imħabba?)

Darba kienet seftura l-Belt ma' sinjur xiħ għażeb, bil-baffi. Kien twajjeb u lil Gerit kien iħobbha daqs dawl għajnejh. Mela darba għajtilha u beda jkellimha kliem... ! Hasbitu qed jiżmaga. Kien sa jgħannaqha u jbusha, iżda Gerit tagħtu daqqa ta' ħarta fuq geddumu u bagħtitu jixxejjer. (Gerit x'kienet tifhem fl-imħabba?)

Wara dil-praspura marret ir-raħal u ma żeditx daħlet seftura. Kienet tgħarrset ma' Nikol tal-Forn u k'Alla jrid, meta Nikol jieħu l-forn f'idejh, jiżżewġu.

Imħabba!...... "Ja mħabba mlieli qalbi, għax mingħajrek jiena mmut."

Filgħaxija Ninu kellu jmur jagħti daqqa t'id liz-ziju Toni fuq il-qiegħa. Iz-ziju rah m'għandux wisq qalb ta' xogħol.—"Aħdem, ej, tibżax għal ġismek, għax il-ġisem k'ma jittiekelx bix-xogħol jittiekel bil-għażż u biż-żina. U kun raġel u tajjar il-għanqbut minn moħħok, u tistudjax wisq għax għandek ċirku ikħal madwar għajnejk." U tah daqqa ta' sieq ftit l-isfel minn dahru u meddu fuq il-qiegħa u issara miegħu u miegħku u taptaplu.—"Kun raġel u tħarrek, ja għażżien." U faqqagħlu fuq wiċċu u fuq sidru sa ma Ninu beda jaqla' jdejh u jwieġeb ponn b'ponn, daqqa b'daqqa.

Iz-ziju kien iħobbu lil Ninu, kien iħobbu bħalma ljun iħobb lill-ġriewa tiegħu.

"Isma' minni u ħallik miż-żwieġ. Għadek biex tiżżewweġ. Isma' minni u aħdem ħalli tagħqad u aqla' dirgħajk ħalli sidrek jitwassa' għax għadek ilma. U ħallik min-nisa għal issa. U kun raġel u dirgħajk erfagħhom għax-xogħol mhux għal-logħob; ej, aqla' ħalli sal-lejla nderru."

Iz-ziju Toni (għad li ma kien jifhem xejn li xejn fl-imħabba) kliemu kien jaqta', u Ninu ħassu jistħi quddiemu.

"Ara, Nin, ħallik mill-ħmerijiet. Aħdem u kun raġel. Issa għandi sitt ġidien u erbat iħrief ħudhom u ħu l-poni u ħallas meta tista'. Aħdem u taqtax jiesek, jekk ma tiflaħx tagħżaq ejja ħu l-bagħal u aħrat bih u ħallik mill-ħmerijiet."

Wara x-xogħol iz-ziju Toni kien jaf igawdi wkoll. Kien għażeb, kien dara jagħmel kollox hu, isajjar u jaħsel, u kien igħaddiha tajjeb mingħajr mara. Dik il-lejla qatel fenek u ġieb qatra nbid taqsmek. L-għada, il-Ħadd, marru l-baħar jistagħdu u jgħumu, u Ninu ħassu jistaħja u jiġi f'tiegħu.

Ninu kellu jmidd għonqu għax-xogħol bil-fors. L-għalqa ħaratha, u għamlet fuq li għamlet, il-mogħoż tgħammru u ferrgħu u n-nagħaġ ukoll, u d-dar imtliet bil-kotra, u ġismu ssaħħaħ u moħħu ssaffa u naqas it-tgergir mid-dar u l-għawġ minn qalbu. Kien jiekol tajjeb u bl-aptit u wara x-xogħol kien jitħenna jqatta' ż-żmien fuq xi ktieb jew idoqq fuq il-vjolin li kien xtara, u li tgħallem idoqq tajjeb, xi bċejjeċ minn Verdi u Mascagni, u minn Mozart u Beethoven ukoll.

Meta ġie biex jiżżewweġ, snin wara, ħa waħda sabiħa li kien jiltaqa' magħha tirgħa n-nagħaġ. Kienet ta' ftit kliem u taxxogħol, ħamra u sabiħa.

Iżżewġu għall-ħabta ta' l-andrijiet, żmien il-frott, u tbewwsu u tgħannqu taħt il-qamar ta' Ġunju bħal Boż u Rut, u l-ewwel frott, tewmin tifla u tifel, waslu mal-għasafar ta' Marzu, malward u maż-żahar.